MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Numru 266/2004

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Noel Frendo ta’ 28 sena iben Dominic u Mary nee Catania imwieled il-Pieta’ fil-11 ta’ Diċembru 1975 u residenti 362 Main Street Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 63276 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fit-2 ta’ Settembru, 2001 u matul l-aħħar erba’ xhur qabel din id-data

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew għall-persuna/i, mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta’ Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza

msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jirrpokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu d-roga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijeit tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma keinx b'xi mod ieħror bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova lid d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

ċ) talli wkoll sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell mogħtija fis-7 t'April 1995.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, l-imputat ikun ukoll ordnat iħallas l-ispejjeż għall-ħatra ta' espert.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Jannar, 2003, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat numru 632/1976, il-fedina penali tiegħu, l-istqarrija magħmula fit-2 ta' Settembru 2001, id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża li ma kienx hemm bżonn jinħatar espert analatiku għaliex id-difiża kienet qed taċċetta bħala stat ta' fatt li s-sustanza esibita kienet droga, is-sentenza

tas-7 t’April 1995 (fol.144), u l-verbal magħmul mill-Prosekuzzjoni fit-8 ta’ Ġunju 2007 li bih iddikjarat li l-imputat jimmerita li jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

5. Semgħet lill-Prosekutur jgħid li l-imputat kien ammetta li l-qratas li kellu f’ħalqu kienu tiegħu iżda nnega li l-oħrajn li nstabu fil-viċinanzi tal-vettura ma kinux tiegħu. Kien ammetta wkoll li kien juża l-eroina.

6. Barra din ix-xhieda kien hemm fost l-oħrajn dik ta’ PC 1473 Simon Deguara li qal li l-imputat kellu ġewwa ħalqu sachets tal-foil suspettata droga. Din ix-xhieda kienet sorretta b’dik ta’ PC 451 ta’ Aaron Bugeja.

7. Semgħet b’mod partikolari lil Ivan Falzon (fol.46 et) jgħid li fit-2 ta’ Settembru 2001 l-imputat kien ser jagħtih pakkett żgħir ta’ l-eroina talli kien ser iwasslu Buġibba. Barra minn hekk Ivan Falzon kien xtara minn għand l-imputat xi darbtejn jew tlieta oħra. (fol. 53).

8. Semgħet ukoll ix-xhieda ta’ SM 45 Marisa Bartolo li spjegat kif l-imputat kien jgħin lill-Pulizija.

**Konsiderazzjoni teknika**

9. Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn kienu ppruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni finali.**

**10. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii)u 29 tal-Kap 101, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni qed titqies bħala assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti qed tikkundannah għal sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta’ multa ta’ 466 Ewro. Il-multa tista’ titħallas bir-rata ta’ 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’**

**ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti tal-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewro mhux imħallsa.**

**11. Minħabba li ma tqabbad ebda espert matul il-proċeduri l-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.**

**12. Tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------